**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 3 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Johan Fenech)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Elaine Rapinett**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Elaine Rapinett u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 115684M.

Akkuzata talli b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Talli fid-19 ta Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa Medica Pharmacy, triq in-Naxxar, Balzan ikkomettiet serq ta prodott/i u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta Sarah Ann Galea u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, liema ammont ma jeccedix is-somma ta' tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29);

2. Talli fil-25 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut Klikk, triq tal-Barrani, Zejtun ikkomettiet serq ta apparat elettroniku u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta Joenick Farrugia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

3. Talli fis-26 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut Klikk, triq tal-Barrani, Zejtun ikkomettiet serq ta apparat elettroniku u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta Joenick Farrugia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

4. Talli fis-26 ta Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa il-hanut Exotique, triq il-Manwel Dimech, Sliema ikkomettiet serq ta Samsung Tab active ghad-detriment ta Miguel Borg u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil hin, liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

5. Talli fis-26 ta Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa il-hanut Urban Jungle, triq ix-Xatt, Sliema ikkomettiet serq ta hwejjeg ghad-detriment ta Peter Grech u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin, liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

6. Talli fis-27 ta Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa il-hanut Superdry, triq il-Kbira, Sliema ikkometta serq ta hwejjeg ghad-detriment ta Robert Pace u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil hin, liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

7. Talli fid-29 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut Exotique, triq ir-Republika, Valletta ikkomettiet serq ta Playstation pro 4 ghad-detriment ta Miguel Borg u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

8. Talli fit-30 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut Bureau Vallee, triq l-Iljun, Qormi ikkomettiet serq ta Macbook ghad-detriment ta Christopher Gerard u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

9. Talli fit-30 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut Me to You, ix-Xatt tax-Xbiex, tax-Xbiex serq ta fwejjah u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta Jason Jones u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema ammont ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

10. Talli fit-30 ta Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa il-hanut Scotts Supermarket, triq Amery, Sliema ikkomettiet serq ta prodotti u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta Joseph Micallef u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, liema ammont ma jeccedix is-somma ta' tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29);

11. Akkuzata ukoll talli nhar it-30 ta Jannar 2018 u fil-jiem u/jew gimghat ta qabel, xjentement laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlat biex tbiegh jew tmexxihom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma l-imputata bhala recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi

moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-hdax il-imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet l-ohra dwar serq.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlief il-hdax l-imputazzjoni u kkonfermat din l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlif ghall-hdax il-wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-hdax il-imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet l-ohra dwar serq li gew ammessi; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hdax il-imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali refrettarja tagha, u

min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija u l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hdax il-imputazzjoni dwar ricettazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(c)(f), 267, 270, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata htaja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha u tikkundannaha tlett snin prigunerija. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin li l-imputata tinghata ghajnuna biex tirriabilita lilha nnifsha mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma’ kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

DR. DOREEN CLARKE
MAGISTRAT